**Il-Benċmark ta' Tmiem l-Edukazzjoni Primarja**
**2019**
**L-Iskema tal-Marki**
**Il-Malti: Il-Kitba**

Aċċetta l-kitba ta' kliem mill-Ingliż jekk jinkiteb kif jinħass fil-Malti jew kif jinkiteb fl-Ingliż, dejjem jekk ma jkunx hemm kliem ieħor popolari bi lsienna.

| **A. Il-Kitba ta' Ittra Elettronika (10 marki)** | | | |
|---|---|---|---|
| *Fil-kitba ta' ittra elettronika, l-istudenti jridu: jimlew l-indirizz elettroniku ta' min se jirċievi l-ittra elettronika u s-suġġett fit-tabella mogħtija; jiftħu l-ittra bit-tislima, jagħlqu bit-tislija u jagħtu d-dettalji kollha mistennija biex jwieġbu t-titlu. Il-kitba jrid ikollha sekwenza tajba u sentenzi ċari u mexxejja.* | | | |
| **L-Espressjoni (2 marki)** | | | |
| **0-1** | | **2** | |
| Ma jafx jesprimi ruħu bil-kitba. | | Jaf jesprimi ruħu tajjeb u b'mod ċar. | |
| **Il-Vokabularju (2 marki)** | | | |
| **0 - 1** | | **2** | |
| Għandu firxa limitata ħafna ta' vokabularju. | | Għandu firxa wiesgħa ta' vokabularju. | |
| **Il-Grammatika, inkluża s-Sintassi (2 marki)** | | | |
| **0 - 1** | | **2** | |
| Ħa ħafna żbalji tal-grammatika u ma jafx jibni sentenza sew. | | Jaf ir-regoli ewlenin tal-grammatika u l-istruttura tas-sentenza hija tajba. | |
| **L-Ortografija u l-Punteġġjatura (3 marki)** | | | |
| **0** | **1** | **2** | **3** |
| Ġab iktar minn 10 żbalji mhux repetuti. | Ġab bejn 7 u 9 żbalji mhux repetuti. | Ġab bejn 4 u 6 żbalji mhux repetuti. | Ġab 3 żbalji jew inqas mhux repetuti. |
| **L-Eċċellenza (marka)** | | Din il-marka tingħata biss jekk l-istudent juri li l-kitba tiegħu tispikka. | |
| *F'każ li l-istudent* ***ma jużax l-istruttura ta' ittra elettronika tajba****, agħti nofs il-marka li jġib, wara li tikkoreġi b'mod normali.* | | | |

| **B. Il-Kitba Rakkont** | |
|---|---|
| **Il-pjan tal-kitba (2 marki)** | |
| *Il-pjan jista' jkun magħmul b'diversi modi. Jista' jkun fih kliem u/jew tpinġijiet.*<br>*Għall-pjan tnaqqasx marki għall-ortografija, għall-grammatika u għall-punteġġjatura.* | |
| ▪ Il-pjan huwa relevanti mas-suġġett li ntgħażel. | 1 |
| ▪ Il-pjan huwa organizzat sew. | 1 |
| *Student li jikkopja l-għajnuniet mogħtija mingħajr ma jżid xejn minn tiegħu, jew li jagħmel pjan bla ebda relevanza mas-suġġett li għażel, ma jiħux marki.* | |

| Il-kitba ta' Rakkont (18-il marka) | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| *L-istudent għandu jikteb bejn 140 u 200 kelma.* | | | | | |
| **L-Espressjoni (2 marki)** | | | | | |
| **0-1** | | | **2** | | |
| ▪ Ma jafx jesprimi ruħu bil-kitba – ebda marka.<br>▪ Ma jafx jikkomunika sewwa l-ħsibijiet b'kitba ċara u b'ordni – marka waħda. | | | ▪ Jaf jesprimi ruħu tajjeb, b'mod ċar u b'ordni. | | |
| **It-Tqassim (3 marki)** | | | | | |
| **0-1** | | | **2-3** | | |
| ▪ Kitba mingħajr ebda tqassim ta' paragrafi.<br>▪ Kitba li fiha ħjiel ta' paragrafi imma mhux imħaddma b'konsistenza tul il-kitba. | | | ▪ Kitba mqassma f'paragrafi li jagħmlu sens.<br>▪ Kitba mqassma f'paragrafi bis-sens li jorbtu tajjeb flimkien u jwasslu għal mixja fil-ħsieb. | | |
| **Il-Vokabularju (3 marki)** | | | | | |
| **0 - 1** | | | **2-3** | | |
| ▪ Kitba li għandha firxa limitata ħafna ta' vokabularju. | | | ▪ Kitba li għandha firxa wiesgħa ta' vokabularju. | | |
| **Il-Grammatika, inkluża s-Sintassi (4 marki)** | | | | | |
| **1 - 2** | | | **3 - 4** | | |
| ▪ Kitba b'ħafna żbalji tal-grammatika u mingħajr struttura tajba tas-sentenzi. | | | ▪ Kitba bir-regoli ewlenin tal-grammatika u struttura tajba tas-sentenzi. | | |
| **L-Ortografija u l-Punteġġjatura (5 marki)** | | | | | |
| **0** | **1** | **2** | **3** | **4** | **5** |
| Ġab iktar minn 21 żball mhux repetut. | Ġab bejn 14 u 20 żball mhux repetut. | Ġab bejn 11 u 13-il żball mhux repetut. | Ġab bejn 8 u 10 żbalji mhux repetuti. | Ġab bejn 5 u 7 żbalji mhux repetuti. | Ġab 4 żbalji jew inqas mhux repetuti. |
| **L-Eċċellenza (marka)** | | | Din il-marka tingħata biss jekk l-istudent juri li l-kitba tiegħu tispikka. | | |
| ***Jekk l-istudent jikkonċentra aktar fuq aspett wieħed tat-titlu, ma jitnaqqsux marki.*** | | | | | |
| *F'każ li l-istudent joħroġ barra mis-suġġett, agħti nofs il-marka li jġib, wara li tikkoreġi b'mod normali.* | | | | | |